



Brussell, 29 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

13053/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0344(NLE)**

**MI 758
ECO 110
ENT 170
UNECE 15**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13155/21+ADD1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nri 0, 14, 16, 22, 24, 37, 45, 48, 49, 55, 58, 67, 79, 83, 86, 90, 94, 95, 100, 101, 110, 116, 118, 125, 128, 129, 133, 134, 135, 137, 145, 149, 150, 151, 152, 153, 157, 158 u 159, fir-rigward tal-proposti għal emendi għar-Riżoluzzjonijiet Konsolidati R.E.3 u R.E.5, fir-rigward tal-proposti għal emendi għar-Riżoluzzjonijiet Reċiproċi M.R.1 u M.R.2, u fir-rigward tal-proposti għall-awtorizzazzjonijiet għall-emenda tal-GTR tan-NU dwar is-sikurezza tal-persuni mixjin fit-triq, u biex jiġu żviluppati GTRs tan-NU dwar l-Emissjonijiet Globali tas-Sewqan Reali u dwar l-emissjonijiet ta' partikuli tal-brejkijiet - Adozzjoni

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq fit-22 ta' Ottubru 2021.

2. Fil-11 ta' Ottubru 2021, il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) kellu skambju ta' fehmiet dwar abbozz tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-proposta ġiet ippreżentata formalment u eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) fil-25 ta' Ottubru 2021, wara l-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni.
3. Id-delegazzjonijiet qablu dwar emenda waħda għall-proposta tal-Kummissjoni bil-għan li tiġi estiża d-data ta' applikazzjoni ta' serje 08 ġodda ta' emendi għar-Regolament Nru 48 tan-NU (Installazzjoni ta' apparat tad-dawl u tas-sinjalazzjoni tad-dawl) sal-1 ta' Settembru 2024 għal tipi ta' vetturi ġodda.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden:
 - jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma,
 - jissuġġerixxi lill-Kunsill li jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda tiegħu f'laqgħa li jmiss, it-testi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-pożizzjoni rakkomandata tal-UE kif jinsabu fid-dokumenti 13160/21 u 13161/21 wara l-finalizzazzjoni tagħhom mill-ġuristi lingwisti.
5. F'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
